

Brussell, 28 ta' April 2025
(OR. en)

8318/25

EF 121
ECOFIN 472
DELECT 49

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 2287 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'23.4.2025 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet u l-indikaturi li l-EBA għandha tuża biex tiddetermina jekk okkorrewx ċirkostanzi straordinarji fis-sens tal-Artikolu 325az(5) u l-Artikolu 325bf(6) ta' dak ir-Regolament

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 2287 final.

Mehmuż: C(2025) 2287 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.4.2025
C(2025) 2287 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'23.4.2025

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet u l-indikaturi li l-EBA għandha tuża biex tiddetermina jekk okkorrewx ċirkostanzi straordinarji fis-sens tal-Artikolu 325az(5) u l-Artikolu 325bf(6) ta' dak ir-Regolament

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 325az(10) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (“ir-Regolament”) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta, wara l-preżentazzjoni ta’ abbozzi ta’ standards mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA, European Banking Authority), u f’konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, atti delegati li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet u l-indikaturi li l-EBA għandha tuża biex tiddetermina jekk okkorrewx ċirkostanzi straordinarji.

F’konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi l-EBA, fi żmien tliet xhur mill-wasla tal-abbozz ta’ standards, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk tapprovax l-abbozzi ppreżentati. Il-Kummissjoni tista’ tapprova wkoll l-abbozz ta’ standards b’mod parzjali biss, jew b’emendi, meta l-interessi tal-Unjoni jkunu jirrikjedu dan, filwaqt li tikkunsidra l-proċedura speċifika stabbilita f’dawk l-Artikoli.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F’konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-EBA wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz ta’ standards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni f’konformità mal-Artikolu 325az(10) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (“ir-Regolament”). Fit-3 ta’ Awwissu 2023, ġie ppubblikat dokument ta’ diskussjoni fuq is-sit tal-internet tal-EBA, u l-konsultazzjoni għalqet fit-3 ta’ Novembru 2023. Barra minn hekk, l-EBA talbet lill-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f’konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 jipprovdi pariri dwarhom. Flimkien mal-abbozz ta’ standards tekniċi, l-EBA ppreżentat spjegazzjoni dwar kif tqies l-eżitu ta’ dawn il-konsultazzjonijiet fl-iżvilupp tal-abbozz finali ta’ standards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni.

Flimkien mal-abbozz ta’ standards tekniċi, u f’konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-EBA ppreżentat il-valutazzjoni tal-impatt tagħha, flimkien mal-analiżi tagħha tal-kostijiet u l-benefiċċji, relatati mal-abbozz ta’ standards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni. Din l-analiżi hija disponibbli fuq <https://www.eba.europa.eu/legacy/regulation-and-policy/regulatory-activities/market-counterparty-and-cva-risk/regulatory>, il-paġni 11-14 tar-Rapport Finali dwar l-abbozz ta’ standards tekniċi.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

F’konformità mal-Artikoli 325bf(6) u 325az(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/1623, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet jidderogaw minn ċerti rekwiżiti tal-qafas regolatorju għall-użu ta’ mudelli interni, jew japplikaw verżjoni aktar ratba ta’ dawk ir-rekwiżiti, meta tkun okkorriet sitwazzjoni ta’ ċirkostanzi straordinarji. F’konformità mal-Artikolu 325az(9) tas-CRR, l-okkorrenza ta’ ċirkostanzi straordinarji għandha tiġi ddeterminata mill-EBA, li trid toħroġ opinjoni għal dak l-għan.

L-att delegat jistabbilixxi qafas ta’ livell għoli għall-identifikazzjoni ta’ sitwazzjoni ta’ ċirkostanzi straordinarji, billi jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li jeħtieġ li jkunu ssodisfati u l-indikaturi li l-EBA għandha tuża biex tiddetermina jekk okkorrewx ċirkostanzi straordinarji.

L-att delegat jipprevedi li ċirkostanzi straordinarji jistgħu jiġu rikonossuti meta jkun hemm sitwazzjoni ta’ stress transfruntier sinifikanti fis-suq finanzjarju, jew bidla kbira fir-reġim

assoċjata ma' livell simili ta' stress (eż. kriżi fil-likwidità), li jkunu kapaċi jagħmlu mhux xierqa l-eżitu tal-ittejtjar retrospettiv u r-rekwiżiti tal-attribuzzjoni ta' profitti u telf.

Fir-rigward tal-indikaturi li għandhom jintużaw biex tiġi identifikata sitwazzjoni ta' ċirkostanzi straordinarji, l-att delegat jipprevedi li tal-anqas għandhom jitqiesu l-indikaturi ta' volatilità, inklużi l-indikaturi ta' volatilitajiet realizzati, u l-indikaturi ta' korrelazzjoni. Il-valutazzjoni għandha tqis ukoll kemm deher malajr l-istress finanzjarju jew il-bidla fir-reġim. Jistgħu jitqiesu wkoll indikaturi u fatturi oħra li huma rappreżentattivi tan-natura tal-istress jew tal-bidla fir-reġim jew li jirriflettuha.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'23.4.2025

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet u l-indikaturi li l-EBA għandha tuża biex tiddetermina jekk okkorrewx ċirkostanzi straordinarji fis-sens tal-Artikolu 325az(5) u l-Artikolu 325bf(6) ta' dak ir-Regolament

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 325az(10), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-istandards għar-riskju tas-suq tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali li l-istituzzjonijiet ma jikkonformawx ma' ċerti rekwiżiti tal-approċċ tal-mudelli interni alternattivi fir-rigward tal-ittejtjar retrospettiv u r-rekwiżiti tal-attribuzzjoni ta' profitti u telf. F'konformità mal-prinċipju stabbilit minn dawk l-istandards, jenħtieġ li ċirkostanzi eċċezzjonali jitqiesu li jkunu prevalenti biss f'sitwazzjoni ta' stress transfruntier sinifikanti fis-suq finanzjarju, jew ta' bidla kbira fir-reġim, li taffettwa materjalment lill-istituzzjonijiet madwar l-Unjoni.
- (2) Kundizzjoni oħra biex ċirkostanzi straordinarji jitqiesu prevalenti jenħtieġ li tkun li l-istituzzjonijiet ma jkunux jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-ittejtjar retrospettiv stabbiliti fl-Artikolu 325bf(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew ir-rekwiżit tal-attribuzzjoni ta' profitti u telf stabbilit fl-Artikolu 325bg ta' dak ir-Regolament, minħabba eventi li huma lil hinn mill-kontroll tagħhom u dment li n-nuqqas ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti ma jirriżultax minn nuqqasijiet fil-mudell intern.
- (3) Kemm l-ittejtjar retrospettiv kif ukoll it-test tal-attribuzzjoni ta' profitti u telf għandhom ikunu bbażati fuq data għall-250 jum ta' negozju qabel id-data ta' referenza li għaliha jitwettaq it-test rispettiv. B'hekk, jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti ċirkostanzi straordinarji meta perjodu ta' stress transfruntier sinifikanti fis-suq finanzjarju, jew ta' bidla kbira fir-reġim, li jaffettwa materjalment lill-istituzzjonijiet madwar l-Unjoni u jipproduċi eċċezzjonijiet li ma jirriżultawx minn nuqqasijiet fil-mudell intern ikun inkluż kompletament jew parzjalment f'dak il-perjodu ta' 250 jum ta' negozju.
- (4) Il-karatteristiċi ta' kriżi li twassal għal stress transfruntier sinifikanti fis-suq finanzjarju, jew għal bidla kbira fir-reġim, li taffettwa materjalment lill-istituzzjonijiet madwar l-Unjoni, huma uniċi għal kull tali kriżi jew bidla fir-reġim. Għalhekk, ma

¹ ĠU L 176, 27.06.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj>.

jkunx xieraq li jiġi stabbilit b'mod preskrittiv sett eżawrjenti ta' indikaturi li jitqiesu li dejjem ikopru b'mod adegwat in-natura u l-intensità tal-istress tas-suq finanzjarju jew tal-bidla kbira fir-reġim inkwistjoni. Madankollu, abbażi tal-esperjenza tal-passat, żieda sinifikanti fil-livell ta' volatilità, bidliet fil-livelli ta' korrelazzjoni, u l-fatt li l-istress transfruntier sinifikanti fis-suq finanzjarju jew il-bidla kbira fir-reġim timmanifesta ruħha malajr ħafna u f'daqqa jenħtieġ li jitqiesu bħala karatteristiċi komuni ta' sitwazzjonijiet mhux ordinarji. Madankollu, żieda f'daqqa fil-livell ta' volatilità, jew bidliet fil-livelli ta' volatilità, waħedhom, jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jikkarakterizzaw sitwazzjoni bħala waħda ta' stress transfruntier sinifikanti fis-suq finanzjarju jew ta' bidla kbira fir-reġim u, għalhekk, jenħtieġ li ma jwasslux awtomatikament għar-rikonoxximent ta' ċirkostanzi straordinarji kif imsemmi fl-Artikolu 325az(5) u l-Artikolu 325bf(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

- (5) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea.
- (6) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji relatati potenzjali u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kundizzjonijiet u indikaturi li l-EBA għandha tuża biex tivvaluta jekk okkorrewx ċirkostanzi straordinarji

1. L-EBA għandha tqis kwalunkwe perjodu ta' 250 jum ta' negozju li l-istituzzjonijiet jużaw biex jivvalutaw jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-ittejtjar retrospettiv stabbiliti fl-Artikolu 325bf tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew mar-rekwiżiti tat-test tal-attribuzzjoni ta' profitti u telf stabbiliti fl-Artikolu 325bg ta' dak ir-Regolament biex ikun perjodu ta' ċirkostanzi straordinarji, meta dak il-perjodu jkun fih perjodu ta' żmien li fir-rigward tiegħu l-EBA tkun iddeterminat li jkun ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) ikun ġie osservat stress transfruntier sinifikanti fis-suq finanzjarju jew tkun seħħet bidla kbira fir-reġim;
 - (b) l-istress transfruntier sinifikanti fis-suq finanzjarju jew il-bidla kbira fir-reġim imsemmija fil-punt (a) x'aktarx li trendi l-eżitu tal-ittejtjar retrospettiv imwettaq f'konformità mal-Artikolu 325bf tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew tat-test tal-attribuzzjoni ta' profitti u telf imwettaq f'konformità mal-Artikolu 325bg ta' dak ir-Regolament mhux rappreżentattiv tal-adegwatezza tal-mudell intern għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji, inkluż meta daww it-testijiet jipproduċu riżultati li ma jkunux relatati ma' nuqqasijiet fil-mudell intern.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj>).

2. Meta tivvaluta jekk ikunux issodisfati l-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 1, l-EBA għandha tqis indikaturi li huma rappreżentattivi tan-natura tal-istress transfruntier sinifikanti fis-suq finanzjarju jew tal-bidla kbira fir-reġim, jew li jirriflettuha, inklużi dawn kollha li ġejjin:

- (a) ir-riżultati ta' analiżi tal-indiċijiet tal-volatilità, u l-indikaturi ta' volatilitajiet realizzati, li l-EBA tqis li huma xierqa biex ikopru n-natura ta' dak l-istress transfruntier sinifikanti fis-suq finanzjarju jew dik il-bidla kbira fir-reġim;
- (b) ir-riżultati ta' valutazzjoni ta' jekk dak l-istress transfruntier sinifikanti fis-suq finanzjarju jew dik il-bidla kbira fir-reġim wasslitx għal livelli ta' volatilità li huma komparabbli ma', jew li jaqbu, dawk osservati matul il-kriżi finanzjarja globali jew il-pandemija tal-COVID-19, jew involviet bidla relattiva fil-livell tal-livelli ta' volatilità li hija komparabbli mal-bidla osservata matul dik il-kriżi jew dik il-pandemija;
- (c) ir-riżultati ta' valutazzjoni ta' kemm seħħ malajr l-istress transfruntier sinifikanti fis-suq finanzjarju jew il-bidla kbira fir-reġim;
- (d) ir-riżultati ta' analiżi tal-korrelazzjonijiet u l-indikaturi ta' korrelazzjoni rilevanti, inkluża valutazzjoni ta' jekk ġietx osservata bidla sinifikanti u f'daqqa fil-livell tal-korrelazzjoni.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu, fir-rigward tal-ittejtjar retrospettiv imwettaq f'konformità mal-Artikolu 325bf tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-EBA għandha b'mod partikolari tqis jekk u sa liema punt il-karatteristiċi statistiċi osservati matul il-perjodu ta' stress transfruntier sinifikanti fis-suq finanzjarju jew ta' bidla kbira fir-reġim ivarjaw minn dawk osservati matul il-perjodu ta' referenza li l-istituzzjonijiet jużaw għall-kalibrazzjoni tan-numru tal-valur fir-riskju.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23.4.2025

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN